MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 523/2003

**Avviz numru 523/2003DM**

**Vincent Camilleri**

**Vs**

**General Supplies and Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju, jizgombraw mill-garaxx jismu “Vince” fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara, u jhalluh liberu u vojt a favur l-attur, liema garage, huwa mikri lilhom mill-attur bis-sahha ta’ skrittura privata ta’ lokazzjoni datata 30 ta’ Dicembru 2002, preservata ghand in-Nutar Dottor Marco Farrugia, verso l-kera ta’ Lm4.00 kuljum, inkluzi l-Hdud u l-festi, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, prevja dikjarazzjoni tax-xoljiment

ta’ l-imsemmija lokazzjoni stante li huma jinsabu moruzi fil-hlas tal-bilanc ta’ l-iskadenza ta’ sitt xhur kera bil-quddiem ghall-perjodu bejn it-30 ta’ Dicembru 2002, u t-30 ta’ Gunju 2003, liema skadenza ghalqet u saret dovuta lill-attur fit-30 ta’ Dicembru 2002, u ta’ l-iskadenza ta’ sitt xhur kera bil-quddiem ghall-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2003, sal-31 ta’ Dicembru 2003, liema skadenza ghalqet u saret dovut fl-1 ta’ Lulju 2003, skond il-klawsola numru 9 tal-precitata skrittura privata ta’ lokazzjoni.

Ai termini ta’ l-Artikolu 756 (1) tal-Kpitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-finijiet ta’ kompentenza jigi dikjarat li l-kera dovuta ghaz-zmien kollu li fadal biex jispicca l-kuntratt ta’ lokazzjoni meritu tal-kwistjoni, jaqa’ taht il-kompetenza ta’ din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru 2003 u b’riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti ghalkemm ma pprezentawx nota tal-eccezzjonijiet in kontestazzjoni tat-talba attrici msejjhin in subizzjoni ammettew li huma debituri tal-attur fis-somom indikati fl-avviz bhala skadenzi tal-kera sal-31 ta’ Dicembru 2003; u

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tal-lum fejn il-konvenuti ammettew li ghandhom jizgombraw mill-fond in kwistjoni izda talbu zmien ta’ tlett (3) xhur ghall-izgumbrament liema zmien gie akkordat mill-istess attur.

Ghaldaqstant stante l-ammissjoni l-Qorti tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombraw mill-garaxx ‘Vince’ fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara, u ghal fini tal-izgumbrament qedgha tiffissa terminu ta’ tlett (3) xhur mil-lum dana b’riserva ghall-azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur kontra l-konvenuti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------